MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Numru. 388/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**ENRICO VASSALLO bin Francis Xavier u Theresa Maria nee' Moore, imwieled fid-dsatax [19] ta' Frar, 1955 u residenti 46, Triq Stella Maris, Sliema, Malta, detentur tal-karta tal-identita numru 152155 M.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ENRICO VASSALLO** bin Francis Xavier u Theresa Maria nee' Moore, imwieled fid-dsatax [19] ta' Frar, 1955 u residenti 46, Triq Stella Maris, Sliema, Malta,

detentur tal-karta tal-identita numru 152155 M gie mressaq quddiemha u akkuzat:

1. talli fl-ghoxrin [20] ta' Mejju, 2006 ghal habta tal-hdax neqsin zewg minuti ta' filghodu u fil-hinijiet ta' qabel flimkien ma persuna jew persuni ohra dahal fi triq jew passagg li jinsab fi Triq ta' Taht il-Belt, limiti Ghajnsielem (Xatt l-Ahmar) u kkommetta vjolazzjoni fil-propjeta' ta' Paul Ciantar minn Ghajnsielem, Ghawdex;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel b'awtorita' tieghu nnifsu jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor, jew kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-okkorrenza relattiva.

Rat wkoll l-affidavit ta' PC 1477 u dak ta' PC 1097 Mario Casha.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 1377 Emanuel Cilia, lil PC 1097 Mario Casha, lil Pawlu Ciantar u lil Mario Corrieri kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta l-akkuzi jirrizultaw b'mod sodisfacenti u cioe li l-imputat dahal fil-proprjeta mqabbla lil Paul Ciantar u nehha l-kancell u b'hekk l-imputat fixkel lil Paul Ciantar fil-pussess ta' hwejjgu.

Ghalhekk, **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 85 u 340D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat ENRICO VASSALLO hati u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbghin [40] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------